# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**12 ta' Jannar, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Lawrence *sive* Lorry Sant

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Perkwisizzjoni – Kummissjoni dwar il-Korruzzjoni – Diskriminazzjoni – Politika – Reat – Suspett – Ħajja Privata, Rispett għal Residenta – Dar – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**

*Ir-rikorrent ilmenta li ġie leż id-dritt tiegħu għall-ħajja privata kif ukoll saret diskriminazzjoni politika fil-konfront tiegħu meta saret perkwisizzjoni fir-residenza tiegħu minn uffiċjali tal-Pulizija fuq ordni tal-Kummissjoni dwar il-Korruzzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li ma kienx hemm diskriminazzjoni politika fil-konfront tar-rikorrent u li l-perkwisizzjoni li kienet saret kienet leġittima billi kien hemm suspett raġonevoli tal-kommissjoni ta' reat, però rriteniet li t-teħid ta' films fil-kors ta' dik il-*

*perkwisizzjoni kien jikser id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat billi sabet ksur tad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata tar-rikorrent, ordnat il-konsenja tal-filmati tar-rikorrent u ordnat lill-intimati jħallsu kumpens pekunarju.*

*Il-Qorti ddeċidiet li biex perkwisizzjoni ma tiksirx id-drittijiet fundamentali tal-bniedem trid tiġi esegwita skond il-liġi, fil-każ speċifiku l-artikoli 350 – 352 tal-Kodiċi Kriminali, u tkun raġonevolment meħtieġa u raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Għalhekk il-perkwisizzjoni kienet leġittima in kwantu saret mill-uffiċjal ta' Pulizija li kellu l-grad ta' spettur, kellu indikazzjonijiet suffiċjenti sabiex jiradikaw suspettt raġonevoli ta' kommissjoni ta' reat, u l-persuna li kienet qiegħda tagħmel il-perkwisizzjoni tat l-avviżi kollha meħtieġa. Li kien ċensurabbli kien li l-mod b'liema ġiet kondotta dik il-perkwisizzjoni llediet il-ħajja privata tar-rikorrent oltre dak li kien leġittivament u raġonevolment meħtieġ.*

Il-Qorti: –

1. L-att promotorju, quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, jesponi illi fis-7.30 a.m., tal-11 ta' Jannar, 1990, il-Pulizija, immexxija mill-Ispettur Alphonse Cauchi, marru fir-residenza tar-rikorrenti, fin-numru 1, Triq ir-Ridott, Marsascala, u nfurmawh illi kienu hemm biex jagħmlu perkwisizzjoni fid-dar u biex jieħdu filmati ta' kull rokna tad-dar;

2. Ħdejn id-dar, fl-istess ħin, kienu preżenti fotografi tal-pubblikazzjonijiet ta' l-istamperija tal-Partit Nazzjonalista;

3. L-istess spettur informa lir-rikorrent li l-perkwisizzjoni kienet sejra ssir "fuq ordni tal-Kummissjoni dwar il-Korruzzjoni" – Att. XXII ta' l-1988;

4. Il-perkwisizzjoni saret u *video camera* ħadet *film* ta' kull rokna tad-dar. Wara, l-istess ħaġa saret f'dar oħra tar-rikorrent li qiegħda fil-Fgura;

5. Ir-rikorrent espona illi dawn il-fatti jmorru kontra dawk il-garanziji li hemm fl-artikolu 38, tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u speċjalment billi l-Kummissjoni msemmija, m'hix Qorti, kif jitlob l-istess art. 38(2)(d); kif ukoll l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, billi l-presenza tal-fotografi turi li kollox sar b'diskriminazzjoni politika kontra tiegħu, u għalhekk talab lill-Qorti msemmija: (1) tiddikjara li fil-konfront tiegħu inkisru l-garanziji sanċiti bl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (2) tordna li l-"*films*" kollha li ttieħdu fil-perkwisizzjonijiet jiġu kkonsenjati lilu flimkien ma' kull negattiva tagħhom; (3) tinibixxi kwalunkwe użu li jista' jsir mill-istess "*films*"; (4) tagħti dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk il-mandati li l-każ jitlob; u (5) tillikwida kumpens xieraq favur ir-rikorrent u tikkundanna lill-intimat li jħallsu l-ammont illikwidat;

6. L-intimat oppona illi: (a) il-perkwisizzjoni saret skond kif irid l-artikolu 350 ..... tal-Kodiċi Kriminali; barra minn dan, l-istess perkwisizzjoni saret ukoll fuq talba għall-assistenza mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, skond l-artikolu 8 ta' l-Att XXII ta' l-1988, u r-rikorrenti, b'mod ġenerali, huwa raġonevolment suspettat li kkommetta r-reat ta' korruzzjoni; (b) il-perkwisizzjoni saret b'mod altament prudenti u kienet raġonevolment ġustifikata f'soċjetà demokratika u kellha l-iskop li tassigura li ma jkunx hemm okkultament ta' provi, biex jiġi evitat id-diżordni u esekuzzjoni ta' delitti; (ċ) la m'hemmx vjolazzjonijiet ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, allura ma jistax ikun hemm vjolazzjoni ta'

l-artikolu 14, għaliex dan jassikura t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet fundamentali mingħajr diskriminazzjoni u la dawk ġew irrispettati, m'hemmx lok għall-eżami ta' dan l-artikolu; (d) illi dak li huwa mitlub kwantu għall-inibizzjoni, ordnijiet u mandati ma jistax jolqot l-operat tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni; (e) huwa ma jistax jirrispondi għall-presenza tal-fotografi li kien hemm ħdejn id-dar tar-rikorrenti għaliex ma kienx responsabbli għal dik il-presenza;

7. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fid-9 ta' Ġunju, 1993, u l-partijiet essenzjali tagħha se jiġu riportati hekk:

"..... Ir-rikorrent, flimkien ma' persuni oħra, kien qed jiġi investigat, mill-Kummissjoni maħtura taħt l-Att XXII ta' l-1988 kontra l-Korruzzjoni, fuq allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li saru minn ċertu Joseph Borg, Winstin Carbone u Helen Camilleri fost oħrajn. Fl-istess perijodu l-intimat kien qiegħed jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu sabiex jara jekk kienx hemm il-possibbilità li r-rikorrent, flimkien ma' persuni oħra, jitressaq quddiem il-Qrati akkużat b'reati ta' korruzzjoni. Fuq talba tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni u sabiex ma jiġix imfixkel ix-xogħol li kienet qed tagħmel l-istess Kummissjoni, l-intimat waqqaf l-investigazzjonijiet tiegħu għall-ħabta ta' Awissu – Settembru, 1989, u qagħad jistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem l-istess Kummissjoni. Ġara li fid-9 ta' Jannar, 1990, meta l-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni kienet għadha miexja bl-investigazzjoni tagħha, l-Ispettur Alphonse Cauchi, ġie msejjaħ quddiem il-Kummissjoni, u wara li ġie mfisser lilu l-artikolu 8 ta' l-Att XXII u d-dettalji ta' l-investigazzjoni li kienet '*in corso*', ġie mitlub, kif jidher mill-verbal ta' l-udjenza quddiem l-istess Kummissjoni tad-9 ta' Jannar, 1990:

"Li tagħmel dak kollu li hemm bżonn, bla limitu ta' xejn ħlief fil-limitu li tagħtik *(sic)* il-liġi, biex dwar dawn in-nies (ċjoè, ir-rikorrent u oħrajn).....tagħmel investigazzjoni sħiħa; tagħmel dak kollu li jidhirlek int, bħala uffiċjal responsabbli li int, li hemm bżonn, sabiex jekk hemm xi ħaġa li tista' turi, kif ġà għidtlek, li huma implikati b'xi mod, f'xi attijiet ta' korruzzjoni, din ix-xi ħaġa ġġibhielna quddiemna, u jekk hemm xi ħaġa, l-invers.....irriduha wkoll. Bil-Malti, inti għandek missjoni sagra biex toħroġ is-sewwa, tgħin lill-Kummissjoni li joħroġ is-sewwa. Issa, din hija biċċ axogħol li aħna m'aħniex ser niddefsulek kif tesegwiha jew ma tesegwihiex";

Fis-7.30 a.m., tal-11 ta' Jannar, 1990, l-Ispettur Alphonse Cauchi, assistit minn membri oħra tal-Korp tal-Pulizija, mar għand ir-rikorrent u esegwixxa "*search*" fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu Wied il-Għajn u f'dar oħra fil-Fgura. Waqt is-"*search*", li kien estensiv u dettaljat, ittieħdu xi filmati tad-djar tar-rikorrent u ta' l-oġġetti li kienu jinsabu fihom. Waqt is-"*search*" iżda fuq barra, kien hemm ġurnalisti u fotografi';

*Omissis;*

Dan l-aggravju l-Qorti trid tħares lejh minn żewġ aspetti, u ċjoè:

a) Jekk effettivament il-perkwisizzjoni saritx fuq istigazzjoni u ordni tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni, u f'każ negattiv:

b) Jekk l-intimat, bħala l-persuna responsabbli biex tmexxi investigazzjonijiet fuq suspett ta' reat, inkluż id-dritt li tagħmel perkwisizzjoni, kellhiex dak is-suspett raġonevoli meħtieġ sabiex

tintitolah jaġixxi a termini tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Dwar l-ewwel aspett qed jiġi sottomess mir-rikorrent u hekk xehdu hu, martu u d-difensur tiegħu Dr. Joseph Brincat, li l-uffiċjal inkarigat mit-tfittxija kien qal li din ser issir "fuq ordni mill-Kummissjoni ta' kontra l-Korruzzjoni". Infatti r-rikorrent fl-affidavit tiegħu a fol. 44 tal-proċess qal li fil-ġurnata in kwistjoni meta mar biex jiftaħ il-bieb, wieħed mill-persuni qallu li kien l-Ispettur Alphonse Cauchi u dan qallu li "kien ġie għandi fuq ordni taċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Permanenti ta' kontra l-Korruzzjoni biex jagħmel tfittxija għal xi dokumenti u karti konnessi ma' permessi tal-bini". L-istess dikjarazzjoni, allegatament magħmulha mill-Ispettur Cauchi, tidher riportata fl-istqarrija għall-istampa u l-mezzi tax-Xandir magħmula mir-rikorrent u minnu ffirmata, dak inhar stess tas-*search*. (Dok. LS fol. 90);

Carmen Sant, mart ir-rikorrent, li kienet preżenti waqt it-tfittxija, qalet hekk fl-affidavit tagħha (fol. 54 tal-proċess):

"Qabel bdew ifittxu, l-Ispettur Cauchi kellem bit-telefon lill-Avukat Joe Brincat u qallu li kellu ordni mill-Kummissjoni ta' kontra l-Korruzzjoni biex jagħmel it-tfittxija u jiġbed il-*film* u r-ritratti";

L-istess Dr. Joseph Brincat qal hekk fl-affidavit tiegħu (fol. 35 tal-proċess):

"Lis-Superintendent Alphonse Cauchi għidtlu li hu kellu dritt jagħmel *search* biss kemm-il darba kellu hu, suspett raġonevoli, li kien hemm xi traċċi ta' reat, jew oġġetti konnessi ma' reat. Alphonse Cauchi kien irrisponda li hu kellu l-ordni

tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, u kien qed jaġixxi fuq ordni tagħha. Jien mill-ewwel urejtu r-riserva tiegħi assoluta li dan kien sewwa u skond il-liġi, però huwa qalli li hemm kien ordnat u ma kellux għażla oħra ħlief li jkompli bl-istess *search*'';

L-implikazzjoni ta' din ix-xiehda hi evidenti u ċjoè li dik is-*search* kienet riżultat ta' ordni espress da parti tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni u li bħala tali, l-istess tfittxija kienet illegali;

L-intimat qed isostni li s-*search* minnu esegwita permezz ta' l-Ispettur Alphonse Cauchi kienet ġiet effettwata *in forza* tal-poteri mogħtija lill-Pulizija *in forza* ta' l-artikolu 346 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre, qed jiġi sottomess, li t-tfittxija fil-proprjetà tar-rikorrent kienet konsegwenza ta' suspett fondat li fil-proprjetà tar-rikorrent seta' kien hemm effetti rilevanti għal investigazzjoni li kienet qed issir mill-pulizija in konnessjoni ma' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni da parti tar-rikorrent u oħrajn;

Qed jiġi sottomess ukoll li l-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni ma tat ebda ordni dirett sabiex issir tfittxija iżda li, *ai termini* ta' l-artikolu 8 ta' l-Att XXII ta' l-1988, hija talbet, mill-pulizija, l-assistenza meħtieġa fl-investigazzjoni ta' l-allegati reati ta' korruzzjoni;

Infatti, l-artikolu 8 ta' l-Att XXII jippreskrivi li l-Kummissjoni tista' teħtieġ l-assistenza tal-Pulizija meta tkun qiegħda tinvestiga attijiet ta' korruzzjoni taħt dan l-Att li dwarhom ikun hemm allegazzjoni jew suspett, u l-pulizija għandha tagħti dik l-assistenza mitluba iżda fl-għoti ta' dik l-assistenza l-Pulizija jkollha u teżerċita biss dawk is-setgħat li l-Pulizija hija awtorizzata li teżerċita taħt il-Kodiċi Kriminali jew

kull liġi oħra;

Għalkemm, kif ġie sottomess mir-rikorrent, il-Kummissjoni mhix Qorti u għalhekk ma tistax toħroġ ordni sabiex issir tfittxija biex *jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali* (art. 38, 2(d) Kost.) b'danakollu l-att XXII jagħti lill-istess Kummissjoni, id-dritt li jitlob mingħand il-Pulizija, dik l-assistenza meħtieġa, in konnessjoni ma' l-investigazzjoni *'in corso'* u, l-istess Pulizija hija obbligata tagħti dik l-assistenza;

*Issa rriżulta mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1990*, quddiem il-Kummissjoni għall-Korruzzjoni, li l-istess Kummissjoni pprevaliet ruħha mid-dritt mogħti lilha bl-artikolu 8 ta' l-Att XXII. Infatti l-verbal jibda proprju hekk:

"Sur Spettur, appena hemm bżonn naqralek lilek, dak li tgħid il-liġi, jiġifieri l-Att ta' l-1988 dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, partikolarment fl-artikolu 8";

Minn dawn il-kliem, jidher ċar li l-istess Kummissjoni ma kinitx u ma riditx toħroġ xi ordni *'di sua sponte'* u b'hekk tassumi dritt li l-istess liġi u saħansitra l-Kostituzzjoni ma ttihiex. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni riedet tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tagħtiha l-istess liġi li hi kkostitwitha;

Huwa minnu li minn ħarsa lejn id-diċitura tal-verbal sotto eżami, wieħed jieħu l-impressjoni li l-Kummissjoni ma għamlitx *talba sempliċi għal assistenza* u ħalliet 'mano libera' f'idejn l-Ispettur Cauchi. Anzi l-istess verbal, li huwa twil erba' faċċati dattilografati, jidħol fid-dettalji kollha u jindika l-persuni li jallegaw il-korruzzjoni, il-persuni kontra min l-investigazzjoni kienet qed issir, il-proprjetà involuta, il-provi jew ċirkostanzi

kollha li l-Pulizija kienet mitluba li tfittex u dana b'mod enfatiku u inekwivoku. Fl-opinjoni tal-Qorti, però, dana kien neċessarju. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni kienet waħda tqila u twila. Il-provi quddiemha kienu jew dawk tal-persuni li allegaw il-kommissjoni tar-reati, jew ċirkostanzjali, billi ftit huma dawk il-persuni, ġà involuti fl-allegat reat, li kienu ser jitkellmu. Il-Kummissjoni għalhekk, fit-talba għall-assistenza lill-Pulizija skond l-artikolu 8 kellha ta' bilfors timxi kif imxiet. Wara kollox hi kienet taf b'dak li rriżulta quddiemha, jew b'dawk iċ-ċirkostanzi li ma kinux daqstant ċari. Għalhekk ma jistax jingħad li ġie maħruġ xi ordni mill-Kummissjoni kif qed jiġi allegat mir-rikorrent;

Illi apparti dak li ntqal hawn fuq ix-xhieda tar-rikorrent, martu u Dr. Joseph Brincat, hi kontradetta minn dik ta' l-istess Uffiċjal li mar jagħmel is-*search*. Infatti l-Ispettur Cauchi in kontro eżami fuq mistoqsija tad-difensur tar-rikorrent (fol. 127) qal espressament hekk:

"Mistoqsi jekk huwiex veru li meta jien għamilt is-"*search*" fid-dar tas-Sur Sant għidtlu li jiena kont qed infittex fuq ordni taċ-*Chairman* tal-Kummissjoni, nirrispondi li għandi l-kliem eżatt, li jien użajt dak il-ħin li huma: "Minn investigazzjonijiet li qed nagħmel jien, għandi indizji fondati, li inti, flimkien ma' nies oħra kontu imdaħħlin f'korruzzjoni fil-ħruġ tal-permessi tal-bini. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni infurmatni li hija wkoll għandha indizji fondati kontra tiegħek u ħames persuni oħra. Għalhekk sejjer nagħmel tfittxija fid-dar tiegħek għal xi dokumenti li jista' jkollok";

Din ix-xiehda tikkontrasta b'mod lampanti ma' dak li xehed ir-rikorrent, martu, u Dr. Brincat. Inkwantu l-enfasi hawn

qiegħed fuq l-investigazzjoni li kienet qed issir mill-Pulizija, fil-waqt li r-rikorrent jgħid li din qatt ma ssemmiet. Inoltre fix-xiehda ta' Cauchi, il-Kummissjoni tissemma biss inċidentalment kontra dak li jallega r-rikorrent;

Il-Qorti hawn mhux bi ħsiebha tidħol fil-kwistjoni ta' kredibilità ta' parti jew ta' oħra. Il-provi huma li huma u huwa diffiċli tasal biex tiddetermina min xehed il-veru. Tosserva biss illi fir-rigward tar-rikorrent u martu, l-eċċitament u konfużjoni li kkreat f'moħħom it-talba ta' l-Ispettur Cauchi dik l-għodwa tal-11 ta' Jannar, 1990, u l-fatt li l-istess rikorrent kien jaf li f'dawk iż-żminijiet kien qed jiġi investigat mill-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni, setgħu faċilment ħolqu f'moħħ l-istess rikorrent u martu, li dik is-*search* kienet qed tinżamm fuq ordni tal-Kummissjoni. Wara kollox, kif jidher mix-xiehda ta' Cauchi, il-kummissjoni ssemmiet minnu. Da parti ta' l-istess Cauchi, il-Qorti tosserva li tenut kont tal-fatt li hu kien issospenda l-investigazzjonijiet tiegħu fuq talba ta' l-istess Kummissjoni, u li jumejn qabel is-*search* kien ġie, b'mod l-aktar enfatiku, mitlub jassisti l-Kummissjoni, mhux inverosimili li seta' qal li kien mibgħut mill-Kummissjoni. Il-Qorti però ma tixtieqx titfa' dell ikraħ fuq ħadd. Wara kollox mhux x'qal wieħed jew x'fehem l-ieħor li hu rilevanti, iżda dak li ntqal mill-istess Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1990, joħroġ ċar li l-Kummissjoni kienet qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha mill-Att XXII 1988, u jekk l-assistenza rikjesta kienet tinvolvi wkoll *search* fil-proprjetà tar-rikorrent, ma jfissirx li dik it-tfittxija kienet qed tiġi ordnata mill-Kummissjoni;

Għalhekk il-Qorti mhix sodisfatta li l-Kummissjoni erogat xi poteri għaliha li ma kellhiex skond il-liġi billi, mill-atti jidher

li kull ma għamlet il-Kummissjoni kien li użufruwiet mid-dritt mogħti lilha li titlob assistenza mill-Pulizija biex jgħinuha fl-investigazzjonijiet tagħha;

Ikkunsidrat:

Dwar it-tieni aspett ta' din il-kwistjoni u ċjoè jekk l-istess intimat kellux dak is-suspett raġonevoli sabiex jagħmel użu mid-dritt li ttih il-liġi, inkluż id-dritt li jagħmel tfittxija, jingħad fl-ewwel lok li dan l-aspett ser jiġi eżaminat inkwantu l-ewwel ilment tar-rikorrent ma rriżultax għax kieku din il-Qorti sabet li s-*search* sar fuq ordni tal-Kummissjoni, u konsegwentement sar bi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, ma kienx ikun hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk l-intimat kellux id-dritt li jagħmel it-tfittxija fil-proprjetà tar-rikorrent;

Qed jiġi sottomess mir-rikorrent f'dan ir-rigward, li la darba l-intimat '*ex admissis*' issospenda l-investigazzjonijiet tiegħu fil-konfront tar-rikorrent, allura jiġi li s-suspett li seta' kellu oriġinarjament fil-konfront tar-rikorrent rigwardanti l-kummissjoni ta' reat ma baqax jissussisti u konsegwentement ma kellux id-dritt li jordna perkwisizzjoni fil-proprjetà tar-rikorrent;

L-artikolu 350 tal-Kap. 9 jippreskrivi li 'ebda uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva ta' grad anqas minn dak ta' Spettur, ma jista' jidħol fid-djar, f'bini jew f'reċint ieħor biex jagħmel hemm ġewwa perkwisizzjoni jew jarresta persuna li tkun għamlet jew li jkun hemm suspett li għamlet reat, mingħajr ordni bil-miktub ta' uffiċjal superjuri. *A contrario senso,* uffiċjal tal-Pulizija, minn grad ta' Spettur 'il fuq, jista' jagħmel tali perkwisizzjoni;

Issa ma hemmx dubju, u lanqas ma qed jiġi kkontestat, li Alphonse Cauchi kellu r-rekwiżiti kollha biex jagħmel perkwisizzjoni. Infatti fid-data tas-*search* Cauchi kien Spettur tal-Pulizija. Li qed jiġi kkontestat hu l-fatt li Cauchi ossija l-intimat, dak inhar li sar is-*search*, ma setax kellu dak 'is-suspett' fir-rikorrent biex ikun intitolat jipproċedi għas-*search*. Ir-raġuni wara din is-sottomissjoni tidher li toħroġ mill-kunċett ġenerali li ħadd ma għandu jiġi assoġġettat arbitrarjament għal perkwisizzjoni u li tali perkwisizzjoni għandha tkun konsegwenza naturali ta' suspett f'moħħ l-intimat jew l-ufficjali li jaġixxu f'isemu, li hemm reat kommess jew li ser jiġi kommess. Altrimenti s-salvagwardi kollha taħt l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni rigwardanti protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra jtiru mar-riħ. Sa hawn il-Qorti taqbel mar-rikorrent;

Il-kwistjoni però mhux il-prinċipju iżda l-applikazzjoni tiegħu fil-każ partikolari. Il-mistoqsija li għandha ssir hi: Kellu jew ma kellux l-Ispettur Cauchi, suspett fondat fir-rikorrent li dan seta' kkommetta reat?

Jirriżulta li l-Ispettur Cauchi, sa minn Diċembru 1988, (*Vide* Xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fol. 112 tal-proċess) kien qed imexxi investigazzjoni wara allegazzjonijiet li kienu saru minn Carbone, Borg u Camilleri li dawn kienu kostretti jħallsu flus jew proprjetà biex jinħarġulhom il-permessi tal-bini. Ir-rikorrent odjern kien jissemma b'mod prominenti f'dawn l-investigazzjonijiet. Infatti, jgħid l-istess Cauchi, li sa minn Awissu/Settembru, 1989, huwa kien ġà ddeċieda li jagħmel perkwisizzjoni fil-proprjetà tar-rikorrent (fol. 70) sabiex "nara x'konnessjonijiet kien hemm bejn dawn il-grupp ta' sitta min-nies (fosthom ir-rikorrent) li kienu qed jiġu investigati mill-Pulizija;

Il-Pulizija kellha wkoll f'idejha *'statements'* magħmula mill-persuni li kienu qed jagħmlu l-allegazzjonijiet u anke kienu intervistaw diversi persuni li allegatament kienu responsabbi ta' reat ta' korruzzjoni;

Minn dawn jidher li ċertament l-intimat kellu l-materjal kollu biex jidħol fih dak is-suspett ta' kommissjoni ta' reat li jintitolah li jagħmel perkwisizzjoni. X'effett għalhekk kellu fuq dan is-suspett u konsegwenti dritt, il-fatt li l-istess intimat issospenda l-investigazzjoni tiegħu?

F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li s-sospensjoni ta' l-investigazzjoni ma kinitx bħala riżultat ta' deċiżjoni ta' l-intimat wara li skopra xi fatti li kienu jxejnu dak is-suspett. Iżda dik is-sospensjoni, u hawn għandha tiġi enfasizzata l-kelma sospensjoni, u mhux waqfien, ta' l-investigazzjoni kienet riżultat ta' talba li saret mill-Kommissjoni kontra l-Korruzzjoni lill-intimat, *tramite* l-Ispettur Alphonse Cauchi, biex il-pulizija tissospendi l-investigazzjoni tagħha biex ma tintralċjax jew tfixkel dak li kien qed isir mill-istess Kummissjoni;

Għalhekk ma jistax jingħad li s-suspett oriġinarjament eżistenti fl-intimat fil-konfront tar-rikorrent odjern spiċċa. L-aktar li jista' jingħad hu li l-investigazzjoni ta' l-intimat ġiet temporanjament sospiża. Għalhekk, meta l-Ispettur Alphonse Cauchi aċċeda fil-fond tar-rikorrent kien pjenament fid-dritt li jgħid lill-istess rikorrent li: "Minn investigazzjonijiet li qed nagħmel jiena, għandi indizji fondati..." (fol. 127 tal-proċess);

Ġie sottomess mir-rikorrent waqt it-trattazzjoni orali li l-perkwiżizzjoni li saret fil-fondi tiegħu tikser id-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata kif sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni

Ewropeja. Ir-rikorrent issottometta li skond is-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu 8 indħil minn awtorità pubblika, b'deroga tad-dritt imsemmi, jista' jsir biss, fost affarijiet oħra "biex jiġi evitat l-għemil ta' delitti" u ċjoè *'in the prevention of a crime';*

Bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur tar-rikorrent, il-Qorti ma tistax taċċetta tali sottomissjoni. Jekk l-artikolu 8 kellu jiġi interpretat tant ristrettivament jiġri li d-dmir tal-pulizija li tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi u li ġġib il-ħatjin quddiem l-awtorità ġudizzjarja, liema obbligu hu impost fuqha bl-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali, jispiċċa fix-xejn;

Inoltre ta' min isemmi li l-istess sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Niemietz kontra l-Ġermanja, esebita mill-istess rikorrent, sabet li tfittxija fil-proprjetà ta' l-applikant kienet in kontravenzjoni ta' l-artikoilu 8 "*on the basis that the search constituted an unjustified interference with the applicant's private life and home*" u mhux għax, kif qed jissottometti r-rikorrent, li f'dak il-każ, bħall-każ in eżami, it-tfittxija saret wara li ġie kommess ir-reat u mhux "*in the prevention of a crime*";

L-ilment tar-rikorrent hawn hu indirizzat lejn kif ġie esegwit is-*search* fid-djar ta' l-abitazzjoni tiegħu. Mhux ikkontestat li l-Ispettur Cauchi, flimkien mal-membri tal-pulizija li kienu jakkompanjawh u li kienu kollha rġiel, daħlu f'kull rokna tad-dar ta' l-abitazzjoni f'Wied il-Għajn u fid-dar/uffiċċju, fil-Fgura. Waqt il-perkwiżizzjoni ttieħdu filmati b'*video cameras* tad-dar kollha, sew minn ġewwa u sew minn barra, u ta' l-effetti kollha li kien hemm fiha. Inoltre jissottometti r-rikorrent li, la darba saret tfittxija wkoll ta' l-effetti personali ta' martu, kien jixraq u kien ikun aktar prudenti, li jkun hemm preżenti pulizija mara

biex tieħu ħsieb dik il-parti ta' l-investigazzjoni li kienet tikkonċerna l-effetti, anke ta' natura intima, ta' l-istess Mrs. Sant;

Ilment ieħor dwar l-użu tal-*video cameras* waqt l-aċċess joħroġ mix-xiehda ta' l-istess Carmen Sant meta qalet li "ninsab imħassba x'jistgħu jagħmlu bil-*films* peress li hemm ħafna serq u jekk jiġu f'idejn xi ħadd dawn il-*films,* ikun jaf il-*layout* tad-dar u nkunu esposti għas-serq";

Il-kwistjoni kollha għalhekk hi jekk l-intimat aġixxiex b'mod raġonevoli fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu u kif mistenni f'soċjetà demokratika;

Kif rajna aktar 'il fuq ġà ġie stabbilit li l-intimat kellu d-dritt li jagħmel is-*search* u jagħti l-assistenza kollha lill-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni fl-investigazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tar-rikorrent, kellu però d-dritt li jieħu filmat ta' kull ma kien qed isir u partikolarment ta' l-ambjenti u ta' l-effetti personali u tad-dar tar-rikorrent? Jew b'dak l-aġir kien qed jeċċedi d-drittijiet tiegħu u b'hekk kiser id-dritt tar-rikorrent għar-rispett dovut lilu għall-privatezza tad-dar u tal-familja tiegħu? Sar abbuż jew tali aġir kien meħtieġ biex l-investigazzjoni tkun kompleta?;

Fir-risposta tiegħu l-intimat spjega li l-modalità adoperata mill-pulizija fit-tfittxija in kwistjoni kienet waħda mhux biss altament prudenti iżda wkoll raġonevolment ġustifikata f'soċjetà demokratika u **intiża biex tassigura li ma jkunx hemm soppressjoni ta' provi u b'hekk jiġi evitat id-disordni u l-għemil ta' delitti**". Għalhekk fis-sottomissjoni ta' l-intimat it-teħid ta' filmati kienu neċessarji billi, kif ġie sottomess, il-mod ta' għixien tar-rikorrent seta' kien indizju serju ta' korruzzjoni;

Issa kif ġà ntqal aktar 'il fuq, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-*search* sar mill-intimat fuq suspett li kien ġie kommess reat. B'danakollu l-istess *search* sar ukoll wara talba għall-assistenza da parti tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Il-Kummissjoni, li f'dik id-data kienet qed tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha riedet "tara x'konklużjonijiet għandha tiġbed u xi kwalità ta' rapport għandha tagħmel fuq il-każ". Fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1990, quddiem il-Kummissjoni, meta kien preżenti l-Ispettur Cauchi ntqal li: "In-nies li jistgħu jkunu involuti huma Joseph Pace, Joseph Camilleri, Piju Camilleri, Victor Balzan u hemm **indikazzjoni minn xi uħud li tipponta lejn l-Ex-Ministru tax-Xogħlijiet, l-Onorevoli Lorry Sant**". Kien għalhekk minħabba dan l-indizju u fl-assenza ta' provi konkreti li fl-istess verbal tad-9 ta' Jannar, 1990, il-Kummissjoni talbet l-assistenza ta' l-intimat biex jiġu kkorroborati l-istess indizji bħal per eżempju bil-"pussess ta' affarijiet ta' valuri straordinarji, inkompatibbli forsi ma' l-eżerċizzju tal-kwalità tax-xogħol li dak li jkun minn dawn il-persuni seta' kellhom". Kompla l-istess *Chairman* tal-Kummissjoni, "mhux qed ngħid jien, pussess ta' elfejn lira l-Bank u affarijiet hekk li wieħed seta' ġemma' bil-għaqal u bix-xogħol tiegħu. Lanqas qed ngħid, il-pussess ta' affarijiet li ovvjament kull bniedem anzi aħna l-Maltin neċċellaw, jipprova jkollu, bħala dilettanti jew affarijiet hekk, mhux affarijiet bħal dawn. Pussess ta', per eżempju, affarijiet li ma setgħux ġew b'mod, almenu ma jidhirx li setgħu ġew b'mod onest f'idejn dak li jkun, imma seta' kellu konnessjoni ma' attijiet ta' korruzzjoni;

Dak li indikat il-Kummissjoni huwa kollu rilevanti f'investigazzjoni fuq korruzzjoni. Kull indizju u kull ċirkostanza tista' tkun rilevanti u donnu li l-Ispettur Alphonse Cauchi fis-*search* li għamel fil-proprjetà tar-rikorrent ħa spunt minn dak

li qalet il-Kummissjoni u kien għalhekk li sar l-użu tal-*video cameras*. Il-Qorti però mhix sodisfatta li tali użu kien meħtieġ f'soċjetà demokratika. Il-prinċipju hu li kull bniedem għandu d-dritt għall-privatezza tad-dar tiegħu. Isegwi minn dan li kull ma jinstab f'dik id-dar ma għandux jiġi mxandar ma' l-erbat irjieħ. F'dan ir-rigward l-inkwiet ta' mart ir-rikorrent jieħu aspett importanti inkwantu, għalkemm fl-Att XXII ta' l-1988 jingħad li *"Information contained by members of the Commission, any person appointed under section 12 of this act or any other officers in the course of or for the purpose of an investigation* ***shall not be disclosed****"* għandu jiġi rrilevat li, fl-ewwel lok l-uffiċjali tal-Pulizija li għamlu s-*search* ma humiex marbuta bis-sigriet inkwantu ma jiffurmawx parti mill-Kummissjoni; fit-tieni lok l-istess *video films* kienu ser jintużaw għall-iskopijiet tal-proċeduri li kienu ser jittieħdu mill-pulizija kontra r-rikorrent u hemm ikunu aċċessibbli; u fl-aħħarnett jista' faċilment issir kopja tal-*video films* li tispiċċa f'idejn nies li ma jkollhom x'jaqsmu xejn ma' l-investigazzjoni jew proċeduri kontra r-rikorrent u jista' jkollhom intenzjoni altru li onesti;

Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-presenza, fid-dar ta' dak li jkun, ta' oġġetti, anke ta' valur sostanzjali, mhux neċessarjament indizju ta' reat kommess. Tali oġġetti jistgħu jkunu ġew għand dak li jkun bl-aktar mod onest u għalhekk il-pulizija ma għandhiex id-dritt tidħol f'dar ta' individwu jekk mhux għal raġuni jew għal oġġett speċifiku. Kemm-il darba dan ikun il-każ, il-pulizija għandha d-dritt mhux biss tieħu konjizzjoni tiegħu iżda anke li tipprelevah, però ma tistax tagħmel *'search'* ġenerali u tieħu ritratti u filmati ta' oġġetti u tad-dar kemm-il darba ma hemmx suspett fondat li dawk l-oġġetti u saħansitra d-dar, kienu l-oġġett ta' reat. Dan imur kontra l-*"privacy of the home"* b'mod l-aktar lampanti u l-Qorti ma tistax tifhem x'kienet il-ħtieġa tal-

*video films* tad-dar kollha waqt is-*search*. Kieku saret prova li nstabu affarijiet moħbija, kif qalet il-Kummissjoni, "taħt saqqu, ġo travu jew ġol-ħamrija" jew li nstabu dokumenti bħal 'notamenti f'*diary*' rilevanti għall-investigazzjoni, wieħed forsi kien jaċċetta n-neċessità li tali sejbiet jiġu ffilmati. Iżda l-Qorti ma tista' qatt taċċetta li d-dritt għall-privatezza ta' l-individwu jiġi ddisturbat u mhedded bil-mod li ġie fil-każ sotto eżami;

Il-Qorti tixtieq hawn ukoll tirrileva li r-rikorrent mhux qed joġġezzjona għas-*search* fiha nnifisha. Infatti jidher li huwa ma offra ebda resistenza meta ġie infurmat li ser issir *search*, anzi ta l-koperazzjoni tiegħu kollha. Li qed joġġezzjona r-rikorrent hu li l-filmati tal-proprjetà tiegħu jiksru d-dritt tiegħu sanċit mill-Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti ssib favur it-teżi tar-rikorrent billi tali filmati jammontaw għal eċċess fl-esekuzzjoni tas-*search* u mhux meħtieġa f'soċjetà demokratika u bħala tali jiksru d-dritt tar-rikorrent għal *"privacy of the home"*;

Ir-rikorrent qiegħed ukoll jilmenta li hu ġie diskriminat politikament inkwantu waqt is-*search* kienu wkoll preżenti, fuq barra, ġurnalisti u fotografi ta' gazzetta avversa għall-fehmiet politiċi tiegħu;

F'dan ir-rigward ma tressqet ebda prova, da parti tar-rikorrent, li kien l-intimat li għamel l-arranġamenti sabiex dawn il-persuni jkunu preżenti. Id-difensur tar-rikorrent semma l-ipotesi tal-kumbinazzjoni u li dawn ma setgħux ikunu preżenti jekk mhux fuq talba ta' l-istess intimat għax inkella jekk kumbinazzjoni kbira wisq biex wieħed jaċċetta li dawn il-persuni sabu ruħhom hemm eżattament fil-ħin meta kellu jsir is-*search*;

Apparti l-fatt li l-presenza ta' ġurnalisti qrib ir-residenza

tar-rikorrent waqt is-*search* fiha nnifisha ma tikkostitwixxi ebda ksur ta' dritt protett mill-Kostituzzjoni, jiġi rrilevat li ġurnalisti għandhom varji mezzi biex ikunu jafu x'qed jiġri madwarhom sabiex ikollhom il-possibbiltà li jkunu *'on the spot'* meta javvera ruħu fatt li għandu ċerta portata għall-aħbarijiet. Issa l-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tar-rikorrent kienet *'common knowledge'* u f'dawk iż-żminijiet kienet *'a hot item of news'*. Għalhekk mhux inverosimili li l-istess ġurnalisti, interessati fil-ġrajja, raw kif għamlu u tkixxfu li kien ser isir *search*. B'danakollu ma jfissirx li kien l-intimat li avżahom. Il-Qorti għalhekk ma tistax taċċetta dan l-ilment;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tipprovdi dwar l-istanza billi:

1. Tiddikjara li t-tfittxija li saret fir-residenzi tar-rikorrent f'Wied il-Għajn u l-Fgura fil-11 ta' Jannar, 1990, saret fuq suspett fondat ta' l-intimat li kien hemm kommess reat u għalhekk f'dan ir-rigward tali tfittxija ma tmurx kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. Tiddikjara li bit-teħid tal-filamti mill-uffiċjali tal-pulizija waqt l-istess *search* ġie leż id-dritt tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu u ta' daru kif protetti bl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Tiddikjara li ma jirriżultax ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal protezzjoni kontra diskriminazzjoni kif sančit fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Konsegwentement tipprovdi billi tordna li l-filmati u fotografi meħuda waqt is-*search*, sew dawk oriġinali kif ukoll kull kopja li setgħet saret tagħhom mill-intimat, u negattivi ta' l-istess, jiġu ritornati immedjatament lir-rikorrent u li ebda parti minn dawn il-filmati ma tintuża f'xi proċeduri li jistgħu jittieħdu mill-intimat kontra r-rikorrent;

*In vista* ta' dan il-Qorti ma tħossx li għandha tesprimi ruħha rigwardanti t-tielet u r-raba' talbiet kontenuti fir-rikors promotur, anke billi l-Kummissjoni m'hix parti f'dawn il-proċeduri u fl-aħħarnett tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li tipprovdi għar-rimedju finanzjarju billi r-radd lura tal-filmati, kif fuq ordnat, huwa fih innifsu rimedju xieraq;

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jibqgħux bla taxxi bejn il-kontendenti'';

8. Kontra din is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat;

Ir-rikorrent ħassu aggravat mill-fatt illi l-Qorti ma sabitx illi l-perkwiżizzjoni kienet ''illegali'' u li saret b'mod diskriminatorju'', u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja minħabba kulur politiku. Barra minn hekk, għal dak li l-Qorti sabet vjolazzjoni għandu jingħata kumpens, u l-intimat għandu jħallas l-ispejjeż kollha tal-każ;

9. L-intimat, da parti tiegħu, ħass ruħu aggravat, għaliex is-sentenza appellata interpretat ħażin dik ''in-neċessità'' f'soċjetà demokratika li jsiru ċerti atti, billi fehmet li dik hija neċessità **indispensabbli**, mentri fil-każ preżenti dak li kien hemm bżonn li jiġi ppruvat huwa ''l-utilità għal-limitazzjoni'' – jiġifieri

neċessarja tfisser utili. L-użu tal-filmati biex eventwalment tiġi ppruvata l-akkuża ta' korruzzjoni, ma kellhiex tiġi ċċensurata billi dak kien mezz leġittimu biex jintlaħaq l-iskop. Għalhekk, it-talbiet kollha tar-rikorrenti kellhom jiġu respinti;

10. Huwa meħtieġ – biex din is-sentenza tiftiehem kif għandu jkun, li d-diversi artikoli tal-liġijiet li għalihom saret riferenza u li huma rilevanti, jiġu fl-ewwel lok riprodotti, biex l-osservazzjonijiet li se jsiru jintrabtu magħhom; liema osservazzjonijiet jolqtu l-każ kollu, u jirrispondu għalhekk, għaż-żewġ appelli;

11. (1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess, jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu;

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi m'għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvedimenti:

(a) li jkun raġonevolment meħtieġ fl-interss tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubblika, moralità jew deċenza pubblika.....;

(b) u (ċ) *omissis;*

(d) li jawtorizza.....dħul f'xi post b'ordni bħal dak, jew li jkun meħtieġ sabiex jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali;

u ħlief safejn dak il-provvediment jew skond il-każ, il-ħaġa

magħmula skond l-awtorità tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika'';

Għall-każ preżenti, il-provvediment li taħt l-awtorità tiegħu, l-intimat jiddikjara li aġixxa huwa **l-artikolu 350 Kap. 9**:

''.....ebda uffiċjal tal-Pulizija ta' grad anqas minn dak ta' spettur, ma jista' jidħol fi djar, f'bini jew reċint ieħor biex jagħmel hemm ġewwa perkwiżizzjoni.....mingħajr ordni bil-miktub ta' uffiċjal superjuri.....'';

Abbinat ma' l-artikolu sussegwenti 351 u 352, fejn il-forma lingwistika tan-negattiv u ta' projbizzjoni, tinbidel f'forma posittiva:

''351 – Fil-każijiet li fihom uffiċjal tal-Pulizija għandu s-setgħa li jidħol fil-postijiet.....'';

352 – L-uffiċjal tal-Pulizija inkarigat mill-arrest jew mill-perkwiżizzjoni, għandu jgħarraf lill-persuna soġġetta għall-arrest jew perkwiżizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwiżizzjoni.....'';

*''1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence;*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights*

*and freedoms of others'';*

Minn dawn l-artikolu jirriżultaw id-diversi garanziji li jimponu l-liġijiet sabiex perkwiżizzjoni, bħal dik li sofra r-rikorrent, tkun leġittima;

(1) L-ewwel esiġenza kostituzzjonali hija li poter tal-perkwiżizzjoni ta' dar – bħall-każ preżenti, – ikun irregolat b'liġi: (ii) Dak il-provvediment imbagħad, irid ikun konformi ma', u fil-limitazzjonijiet indikati fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Il-provvediment, fil-każ preżenti, huwa kkontemplat fl-artikoli 350, 351 u 352 tal-Kodiċi Kriminali;

13. Hawnhekk, għandu jiġi osservat illi jridu jsiru ċerti distinzjonijiet biex, kemm jista' jkun tiġi ċċarata l-posizzjoni ġuridika li toħloq perkwiżizzjoni, jiġifieri, kif din kienet irregolata:

(a) sa **l-1962** permezz tal-provvedimenti fl-artikoli msemmija tal-Kodiċi Kriminali; (b) kif tbiddlet meta dan il-poter ġie assoġġettat għall-garanzija ta' natura kostituzzjonali, l-ewwel bil-Kostituzzjoni ta' l-1962 u ftit wara b'dik ta' **l-1964**, li għadha viġenti llum, u (ċ) dak li mill-**1987** reġa' ġie delimitat bil-garanziji addizzjonali li jirriżultaw mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

14. Il-perkwiżizzjoni li jipprovdi għaliha l-Kodiċi Kriminali – art. 350, 351 u 352, hija mogħtija:

(a) lil kull uffiċjal tal-Pulizija li jkollu ordni bil-miktub minn uffiċjal ta' grad ta' spettur jew ogħla; jew biex jippreserva prova ta' delitt immedjat, liema prova altrimenti tkun tista' tinqered;

(b) lil kull uffiċjal tal-Pulizija ta' grad ta' spettur jew ogħla;

(ċ) lil kull uffiċjal ta' xi Qorti in esekuzzjoni ta' mandat jew ordni oħra maħruġa minn awtorità awtorizzata bil-liġi li tagħti dik l-ordni;

(d) l-esekutant għandu javża lil kull min ikun fil-fond li se jiġi perkwiżizzjonat, bis-setgħa li għandu li jagħmel hekk u bir-raġuni tat-tfittxija;

(e) jekk ma jingħatax aċċess – wara li jagħti l-avviżi, is-setgħa li jisgassa biex jidħol, jekk ma jkunx possibbli aċċess xort'oħra;

(f) l-esekutant huwa eżentat mid-dover ta' l-avviżi jekk kemm-il darba huwa jaqbad id-delinkwent fil-fatt;

15. L-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni assoġġetta l-poter għad-diversi garanziji li hemm imsemmija, però, paradossalment żied ukoll l-estensjoni ta' l-iskopijiet ta' perkwiżizzjoni. Għal dak li jinteressa din il-kawża, perkwiżizzjoni magħmula bis-saħħa tal-provvedimenti tal-Kap. 9 trid dejjem tkun **raġonevolment meħtieġa, u raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika**;

16. Din il-Qorti, diġà kellha difatti l-okkażjoni li tiddeċidi illi l-esekutant ta' perkwiżizzjoni jista' jkun li jikkontravjena xi waħda jew aktar mill-modalitajiet u esiġenzi komminati mill-Kodiċi Kriminali Kap. 9, mingħajr b'daqshekk ma jkun jista' jiġi ritenut li kiser l-esiġenzi kostituzzjonali ta' ħtieġa raġonevoli u ġustifikazzjoni raġonevoli, kif dan il-kunċett huwa reċepit f'soċjetà demokratika. (Ara 5 ta' April, 1991 – T. Vella *vs*

Kummissarju tal-Pulizija *et* Vol. LXXV.I paġ. 162);

Il-Qorti fuq dan il-punt taħseb li l-posizzjoni ma kinitx kompletament sodisfaċenti u tqis li kienet pjuttost fluwida. Dan qed jingħad speċjalment minħabba d-diffikultà tradizzjonali ta' nuqqas ta' rimedju adegwat għall-vittima tal-ksur ta' xi waħda, jew aktar, mill-esiġenzi imposti mill-Kodiċi Kriminali – paragrafu 14 *supra* – u din il-Qorti, fl-istess sentenza T. Vella *vs* Kummissarju *et* kienet difatti rrimarkat illi:

"...huwa evidenti li infrazzjoni, bħal dik li għadha kif ġiet imsemmija ta' l-artikolu 351 Kap. 9, jew għall-vjolazzjoni minħabba trattament degradanti u inuman – x'rimedji **ċari** hemm jekk mhux f'azzjoni bħall-preżenti?" (i.e.) ir-rikors kostituzzjonali; *ibid* paġna 163);

Id-domanda kienet għadha rrisolta u ma rċevitx risposta adegwata u kompleta, però l-Qorti ttendi li taħseb li ż-żerriegħa tar-risposta kienet insita f'interpretazzjoni miftuħa li l-Kostituzzjoni jidher li adottat meta għażlet li tuża frażi bħal "soċjetà demokratika" li tidher li hija passibbli, kemm ta' kontrazzjoni kif ukoll ta' espansjoni, skond l-ispirtu tas-seklu li fih dik is-soċjetà demokratika tkun akkwistat eżistenza. Dan sa l-1987;

17. Il-posizzjoni ġuridika reġgħet tbiddlet meta fl-1987, l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali sar parti integrali mill-Ordinament Ġuridiku Malti. Dan għaliex dan l-artikolu jassikura r-rispett tal-ħajja **privata** u **familjari** tal-persuna, bħala dritt fundamentali li ma kienx ikkontemplat b'mod adegwat mill-Kostituzzjoni, u naturalment, il-poter ta' perkwiżizzjoni issa ġie

assoġġettat għall-esiġenza ulterjuri – ċjoè li:

*"There shall be no intereference by a public authority with the exercise of this right except such as is **in accordance with the law**..."* (art. 8(2) );

u allura issa: kull perkwiżizzjoni trid tkun **skond il-liġi**, jiġifieri fil-każ tagħna, skond il-provvedimenti tal-Kap. 9, għaliex altrimenti, tammonta għall-interferenza indebita fil-ħajja privata u/jew familjari tal-persuna, u għalhekk issa dak li kien għadu pjuttost ikkunsidrat li għadu apert u indefinit – (kif intqal fil-paragrafu 16 *supra)* – issa ġie stabbilit u definit;

18. Mill-fatti li rriżultaw fil-kawża u kif reċepiti fis-sentenza appellata, li din il-Qorti wkoll taċċetta, jidher illi Alphonse Cachia li esegwixxa l-perkwiżizzjoni (a) kellu l-grad ta' spettur tal-Pulizija u allura l-awtorità biex jagħmilha; (b) kellu indikazzjonijiet biżżejjed kemm mill-investigazzjonijiet li kien qed jikkonduċi huwa, li kemm mit-talba ta' assistenza tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (ċ) ta' l-avviżi li kien obbligat jagħti lir-rikorrent bis-setgħa li kellu u r-raġunijiet tat-tfittxija;

Il-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali għalhekk jirriżulta li ġew sostanzjalment rispettati. Il-Qorti tikkonfessa li ma tantx fehmet il-kontestazzjoni li hemm fil-proċess, u li testendi għas-sentenza appellata, rigward x'qal u ma qalx l-Ispettur Cachia lir-rikorrent meta ppreżenta ruħu għat-tfittxija u x'qal u ma qalx lill-avukat ta' l-istess rikorrent fuq it-telefon, għaliex l-essenzjali huwa li r-raġuni jew ir-raġunijiet tat-tfittxija jiġu kkomunikati lill-perkwiżit fil-verżjonijiet kollha, kienu, fil-każ ċertament, ċari u ċjoè l-imputazzjoni ta' korruzzjoni kontra r-rikorrent u li t-

tfittxija kellha l-iskop li jinstabu xi dokumenti konnessi mal-ħruġ ta' permessi għall-bini billi r-rikorrent kien ex-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u biex jiġi stabbilit il-pussess, da parti tiegħu, ta' mobbli, tali u eċċezzjonali li jindikaw introjti finanzjarji eċċezzjonali. Din il-Qorti ma fehmitx għaliex saret dik il-kontestazzjoni kollha fuq daqshekk, għaliex ma tara l-ebda differenza bejn "ir-raġuni" li seta' wasal għaliha l-Ispettur esekutant bħala Spettur Inkwerenti u "r-raġuni" li setgħet ingħatatlu mill-Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni, billi ż-żewġ fonti tar-raġunijiet, tat-tfittxija huma t-tnejn leġittimi, ġaladarba adottahom l-esekutant u dawn kienu leġittimi;

19. Fejn il-perkwiżizzjoni tidher li hija ċensurabbli, huwa f'dak li jirrigwarda l-kriterju tal-Konvenzjoni fl-artikolu 8, illi r-rispett għall-ħajja privata u familjari tar-rikorrent ma kellhiex issofri interferenzi mill-awtorità pubblika aktar milli huwa neċessarju f'soċjetà demokratika;

Kif diġà ntqal, il-Qorti taqbel ma' l-intimat illi l-perkwiżizzjoni kienet raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika, iżda, però, dak li ma kienx neċessarju li jsir f'dik il-perkwiżizzjoni kien (a) illi l-perkwiżizzjoni tiġi esegwita fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu, u, (b) li jittieħdu filmati ta' kull ma kien hemm fid-dar – inklużi l-indumenti intimi tar-rikorrent u tal-mara tiegħu;

10. Ma setax kien hemm xi ħtieġa li t-tfittxija ssir hekk kmieni fil-ġurnata meta normalment in-nies ikun se jqumu jew għadhom kif qamu. Ma kien hemm ebda perikolu ta' xi sottrazzjoni jew distruzzjoni ta' dokumenti jew trasfużjoni ta' mobbli, kieku t-tfittxija saret, per eżempju fid-disgħa ta' fil-għodu – siegħa u nofs wara l-ħin li saret u dan għaliex fid-9.00 a.m.

– bejn wieħed u ieħor in-nies ikunu ppreparaw ruħhom għall-ġurnata u allura l-interferenza ta' l-awtorità fl-andament tal-ħajja privata u familjari tagħhom tiġi ridotta għat-termini minimi tan-neċessità;

21. Fatti simili ġew iċċensurati mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ *Cremieux vs France* deċiż fil-25 ta' Frar, 1993 *(Series A Vol. 256 p. 53):*

*''Several such searches were made on 23 January, 1979;*

*One of them began at 7 a.m. at the applicant's Paris Home, in his absence. The customs officers were received by Mr. Cremieux's son: .....;*

*Another search began at 8 a.m. at the home of Mr. Cremieux's female companion, whom, the applicant claimed, the DMED officials had followed into the bathroom when she wanted to put on a dressing-gown'';*

22. Kemm f'dik is-sentenza u kemm fl-oħra li ġiet pronunzjata fl-istess ġurnata – *Funke vs France (Series A. Vol. 256 p. 8)*, l-imsemmija Qorti stabbiliet illi għandu jkun hemm:

*''a proper balance between the requirements of law enforcement and the protection of the rights of the individual...* u;

*the Contracting States have a certain margin of appreciation in assessing the need for an interference but it goes hand in hand with European supervision''. (ibid,* paġ. 24 para. 54/55 u paġ. 62 para. 38) u finalment;

*"the relevant legislation and practice must afford adequate and effective safeguards against abuse". (ibid, paġ. 62 u ibid,* paġ. 25 para. 56 u paġ. 62 para. 39);

Finalment għandu jiġi apprezzat illi l-istess Qorti Ewropeja sa mis-6 ta' Settembru, 1978, fil-każ ta' Klass u oħrajn stabbiliet illi s-subinċiż (2) ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

*Since it provides for an exception to a right guaranteed by the Convention,* ***is to be narrowly interpreted****. (Series A. Vol. 28 p. 21, para. 42);*

23. Interpretazzjoni stretta, in konformità ma' din il-ġurisprudenza ta' dik il-Qorti, twassal għall-konklużjoni illi dawn iż-żewġ elementi ta' fatt – il-ħin tal-perkwiżizzjoni u l-eċċess fir-reġistrazzjoni filmata ta' oġġetti li ċertament ma jistgħux jiġu komprizi b'ebda ġustifikazzjoni tat-tfittxija, jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-artikolu 8;

24. Ir-rikorrenti illamenta wkoll minn trattament diskriminatorju minħabba opinjonijiet politiċi tiegħu – kontra dak li hemm sanċit fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

Dan l-aspett tal-kawża ma ġiex espost b'mod li l-Qorti setgħet tifhmu. Ir-rikorrenti argumenta illi huwa ġie ttrattat, differentement minn persuni oħra, billi wara l-bieb tad-dar, fil-ħin tal-perkwiżizzjoni kien hemm preżenti ġurnalista u fotografu li jaħdmu fl-Istamperija Nazzjonalista;

25. M'hemm ebda dubju li biex dawn il-persuni kienu jafu b'dak li kien pjanat li se jsir mill-awtoritajiet tal-Pulizija, li dik l-informazzjoni ttrapellat minn xi wieħed mill-persuni li

kien jafu bil-mossa li kienet maħsuba jiġifieri minn xi ħadd mill-membri tal-Korp tal-Pulizija;

Din id-**deduzzjoni** loġika però hija prova inkompleta u m'hemm ebda indizju fl-atti li jista' jorbot l-intimat jew l-uffiċjal esekutant, ma' dik l-informazzjoni indebita. Barra minn hekk, l-ebda prova ma saret biex il-Qorti tkun tista' tagħmel xi kwalità ta' paragun;

Il-lament taħt dan il-kap. ma jistax jiġi akkolt;

26. Għal dak li huma rimedji – l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata diġà kkonċediet ir-rimedju speċifiku li talab ir-rikorrent jiġifieri li l-filmati jiġu rritornati lir-rikorrent u ma' dan din il-Qorti ma tistax ma taqbilx, anki għaliex, issa għaddew erba' snin minn dik in-nhar li saret il-perkwiżizzjoni u ma hemm ebda proċeduri penali pendenti kontra r-rikorrent, u għalhekk dawk il-filmati ma jistgħux ikunu, **f'dan il-mument**, illum neċessarji għall-iskop li għalih saret il-perkwiżizzjoni;

27. Fl-appell tiegħu r-rikorrent qed jitlob kumpens fi flus; liema kumpens huwa fdat fid-diskrezzjoni tal-ġudikanti;

Din il-Qorti eżaminat dak li s'issa hija ddeċideit f'dan ir-rigward, biex tistabbilixxi x-xejra li din id-diskrezzjoni qiegħda tieħu, *man mano,* illi l-Qorti qiegħda tiġi rifaċċjata b'talbiet bħal dawn;

Dan jidher li huwa l-ewwel każ li fih qed tiġi stabbilita kontravvenzjoni tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, b'dan, illi kif intqal, infrazzjoni ġrat fil-kontest ta' perkwiżizzjoni altrimenti leġittima

u konformi mal-liġijiet;

Ebda wieħed mill-każijiet preċedenti ma kien marbut ma' vjolazzjoni ta' art. 8 tal-Konvenzjoni b'dan il-mod, u fil-maġġoranza tal-każijiet preċedenti, dawn kienu jirrigwardaw telf ta' impjieg, diskriminazzjoni illeċita, trattament inuman u arrest illegali – u ġeneralment meta rrikorrew, kienu wkoll jikkomprendu vjolazzjonijiet ta' żewġ drittijiet u/jew libertajiet;

28. Fil-każ preżenti l-infrazzjonijiet li ġew kommessi huma ta' entità modesta li ġraw fl-isfond ta' perkwiżizzjoni li fiha difatti kien hemm eċċess ta' żelu. Fil-każ deċiż fis-7 ta' Marzu, 1990, Frankie Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et* (Vol. LXXXIV.I.37) din il-Qorti kkompensat arrest illegali li dam sittax (16)-il siegħa bis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500). A bażi ta' dan, il-każ preżenti, li huwa a paragun, ta' entità ħafna anqas gravuża anki għal dak li hija s-serjetà tal-vjolazzjoni, din il-Qorti qiegħda tagħżel li tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrent is-somma simbolika ta' mitt lira (Lm100) billi jidhrilha illi, għalkemm setgħet faċilment issegwi l-prattika, f'każijiet simili, tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tiddikjara li l-kundanna hija sodisfazzjoni suffiċjenti – *"just satisfaction"* – u tieqaf hemm, però, fehmet illi l-kundanna simbolika hija neċessarja sabiex turi li, fl-eżerċizzju tal-poteri eċċezzjonali tal-Pulizija, il-Qorti tħares bl-aktar mod esiġenti anki fejn dak l-eċċess ma jkunx ta' gravità rimarkevoli anzi jkun anki possibbli li tqisu bħala sempliċement ċensurabbli – u xejn iżjed. B'hekk il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-materji kollha ssollevati fiż-żewġ appelli;

29. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tiddeċidi l-appelli u l-kawża billi (a) tiddikjara illi l-intimat ivvjola d-dritt

garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja fit-termini spjegati *supra*, (b) tordna li l-filmati, fotografiji u negattivi li ttieħdu fid-djar tar-rikorrenti fil-11 ta' Jannar, 1990, jiġu kkonsenjati lura lir-rikorrenti u (ċ) tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrent is-somma ta' mitt lira b'sinjal ta' kumpens tal-vjolazzjoni msemmija, u finalment, (d) tiċħad kull talba tar-rikkorrent rigward vjolazzjonijiet oħra kif minnu allegati;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huwa ripartiti kwantu għal żewġ terzi mill-intimat u terz mir-rikorrent.